**FIL-QORTI CIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 27 ta' Marzu 2025**

**<u>Rikors nru:- 522 /2024 AGV fl-ismijiet:-</u>**

**N k/a NZ G**

**Vs**

**Dr Fransina Abela u**

**Pl Joeline Pace Ciscaldi**

**Sabiex jirrapprezentaw lill-assenti MJ**

Il-Qorti;

Rat ir- rikors ta' N k/a NZG ;

Jesponi bir-rispett:

L-esponenti izzeweg lill-intimat nhar l-Erbgha ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) qed ic-crtitifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala **DOK A** ).

2. L-esponenti issepara legalment minn mal-intimata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat, is-sitta u ghoxrin ta' Lulju elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) in atti tan-Nutar Dottor Karl Debono (vide kopja annessa u mmarkata – **DOK B** )

3. L-Intimata hija assenti minn Malta u l-esponenti ma jafx fejn tinsab.

4. kontendenti b`hekk ilhomm separati ferm oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur rikjesti mil-Ligi.

5. Il-kontendenti ghandhom tifel bl-isem ta' SG li llum ghandu erbatax (14) -il sena kif jindika l-kuntratt ta separazzjoni taghhom (DOK A) u li jirrisjedi mal-esponenti.

6. Illi ma tezisti ebda pendenza ta' manteniment bejn il-partijiet.

7. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerghu jirrikonciljaw u llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin.

8. L-esponenti jixtieq jottjeni d-divorzju jew hall taz-zwieg u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jisoddisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta .

**Ghaldaqstant tghid l-intimata ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti in vista tas-suespost:**

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn l-esponenti u l-intimata u

2. Tawtorriza lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti sabiex javza l-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' Dr Fransina Abela u PL Joeline Pace Ciscaldi datata 22 ta' Jannar 2025;**

1. Illi hu l-attur li ghandu l-piz ta' prova u cjoe 'illi trid ikun l-attur li permezz ta' provi mressqa jikkonvinci lil Din Onorabbli Qorti, illi l-

allegazjonijiet li l-istess attur qed jaghmel fil-konfront tal-intimata huma fondati u dan partikolarment fil-prova li l-intimata, hija assenti minn Malta

2. Illi subordinament, l-esponenti ghandhom ikunu notifikati bl-ahhar indirizz eletrroniku jew numru telefoniku, jew mobile tal-patrocinata taghhom u dan sabiex isir tenttativ ta' komunika maghha u jkun acceratat jekk ghandhomx xi jzidu ghat- talbiet attrici
3. Illi l-esponenti f' dal-istadju jiddikjaraw li mhux edotti mill- fatti u ghaldaqstantm, jirriservaw dritt li jressqu eccezzjonijiet ultejuri jekk ikun il-kaz.
4. Salv eccezzjonijiet ultejuri

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li l-intimata ilha nieqsa minn dawn il-gzejjer.

Rat illi, ghalhekk, setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar fl- 4 ta' Ottubru 2015.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**